Diċembru 2018 — Ħarġa 317



# Holqa Bejnietna

## Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



Il-Kelma tal-Kappillan

## Tinsiex... sas-6 ta' Jannar 2019

Bħalissa jinsabu fl-aqwa tagħhom il-preparamenti għall-festa tal-Milied. L-armar u l-ambjent ta' madwarna qed iħejjijna biex niċċelebraw il-festa tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Iżda rridu niftakru wkoll li qabel hemm Żmien l-Avvent u n-Novena tal-Bambin li jwassluna sal-miġja ta' jum il-Milied.

**Iż-żmien tal-Avvent**
Dan hu żmien ta' erba' ġimgħat li jwassalna biex niċċelebraw flimkien l-imħabba ta' Alla li dehret fostna f'Ibnu Ġesù. Niftakru li l-Avvent huwa żmien ta' stennija – qed nistennew lil xi ħadd – lil Ġesù. Bħalma aħna nlestu d-dar biex nilqgħu lil xi mistieden speċjali li jkun ġej għandna, hekk aħna wkoll irridu nippreparaw il-qalb tagħna bit-talb, bil-ħniena mal-proxxmu tagħna u bit-tkabbir ta' mħabbitna lejn Alla. Aħna ħajjitna kollha hija bħal avvent twil, żmien li fih qegħdin nistennew lill-Imgħallem tagħna. L-importanti mhux meta ser jiġi, imma pjuttost kif qegħdin nistennewh.

**Iż-żmien tal-Milied**
Fit-tarbija ta' Betlehem, Alla jiġi jiltaqa' magħna u joffri ruħu biex inħaddnuh f'dirgħajna u ngħannquh bħalma għamlu Marija u Ġużeppi. X'esperjenza sabiħa hi li tħaddan tarbija tat-twelid fuqek! Dik is-sensazzjoni tista' tgħaddi minnha jekk tilqa' lil Ġesù f'qalbek meta tirċevih fl-Ewkaristija fil-Quddiesa u f'mumenti ta' talb intimi miegħU.

L-aħwa, ejjew ma ninħlewx biss fl-armar u fl-attivitajiet li jġib miegħu dan iż-żmien sabiħ. Flimkien ejjew ngħixu żmien l-Avvent, nattendu għan-novena tal-Bambin li tibda nhar is-Sibt 15 ta' Diċembru. Ejjew nilqgħu lil din it-tarbija nhar it-Tnejn 24 ta' Diċembru fil-Knisja Parrokkjali fil-11.00pm għall-Velja u f'12.00am fil-Quddiesa tal-Milied.



U tinsiex... żmien il-Milied jintemm bil-festa tal-Epifanija tal-Mulej nhar il-Ħadd 6 ta' Jannar 2019. Għalhekk ejjew inħallu x-xbieha tal-Bambin armat fid-djar tagħna sa din il-festa!

Il-Milied it-Tajjeb!

Kunu mberkin
Dun Roderick Camilleri
Kappillan



# “Kull stennija teħtieġ preparazzjoni.”

Stephen u Maria Azzopardi (koppja li qed jistennew tarbija)

L-Avvent huwa żmien ta’ stennija u preparazzjoni għat-tifkira tal-miġja ta’ Alla fostna bħala bniedem permezz tat-twelid ta’ Ġesù tarbija. Il-Milied huwa tassew iċ-Ċelebrazzjoni tal-Umanità.

Bħall-istennija ta’ Marija u Ġużeppi għal Ġesù, aħna bħalhom qed ngħixu l-istennija tal-Milied jiġifieri l-miġja tat-tarbija tagħna fid-dinja f’dan ix-xahar tant qaddis!

Kull stennija hija bħal kaxxa magħluqa għax ma tkunx taf x’effett ġdid se jkollha fuq ħajtek. Għaldaqstant huwa normali li jkun hemm taħlita ta’ ferħ u biża’ fl-istess ħin.

Kull stennija teħtieġ preparazzjoni. Kif nippreparaw ruħna għall-miġja ta’ tarbija hekk ukoll irridu nippreparaw lilna nfusna għall-miġja ta’ Ġesu’ fostna. Barra preparazzjonijiet materjali li jagħmlu l-ġenituri kollha li jkunu qed jistennew tarbija bħal xiri ta’ affarijiet bżonnjużi, ma tistax ma taħsibx ukoll fil-kobor tan-natura u ta’ Dak li jmexxiha; fil-miraklu li jwettaq magħna ta’ kuljum.

Il-fatt li naraw u nħossu tarbija tikber fil-ġuf sakemm titwieled twassalna nagħrfu iktar il-kobor ta’ Alla u nħossu l-preżenza tiegħU f’kull jum li jgħaddi.

Il-miġja ta’ Ġesù fostna għandha jkollha impatt fuq ħajjitna, dment li nifthu qalbna għaliha. Il-ħajja hija miraklu li għandna nfittxu li niċċelebrawh kuljum. L-istennija ta’ tarbija f’familja tagħti sens kbir u tifsir differenti ta’ x’inhi l-ħajja. Dan tista’ tifhmu u tħossu l-aktar kull omm li bħal Marija tkun qed iġġorr u tkabbar ħajja ġdida f’ġufha.



## *Celebrazzjoni tal-Avvent*

**It-Tlieta 18 ta’ Diċembru 2018**
**bejn is-7:00pm u d-9:00pm**
**ser issir lejla ta’ riflessjoni**
**f’ambjent sabiħ ta’ talb permezz**
**tal-Iskrittura u mużika tal-Avvent**
**fi żmien ta' stennija**
**għall-festa tal-Milied.**

***Ikun hemm is-servizz***
***tas-Sagrament tal-Qrar.***





*F'dawn it-tliet xhur li ili fil-parroċċa ta' Wied il-Għajn ma stajtx ma nindunax mill-ewwel bl-attività kbira li hawn. Tassew nieħu gost nara lil kulħadd jaħdem u jistinka fid-diversi kummisjonijiet u gruppi sabiex il-parroċċa tagħna tkun waħda ħajja.*

F'dan iż-żmien tal-Milied nirrifletti dwar kemm anke Marija u Ġużeppi kellhom jaħdmu u jistinkaw biex jitwieled u jrabbu lil Ġesù. Ejjew flimkien nieqfu nirriflettu fuq il-ħidma tagħna u nitolbu li dak it-tajjeb kollu li qed nagħmlu jkun ukoll qed iqarribna lejn Ġesù, li ġie fostna bħala bniedem biex jagħti "paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba".

Il-Milied u s-sena t-tajba lil kulħadd! Niltaqgħu!

Jean Claude Schembri

Seminarista

**Il-fatt li Alla sar bniedem, jgħinna niskopru min hu l-bniedem.**



Il-fatt li Alla sar bniedem, jgħinna niskopru min hu l-bniedem. L-għotja divina li niċċelebraw fil-Milied tixprunana nifhmu dejjem aktar l-umanità tagħna. It-teknoloġija qed toffrilna definizzjonijiet oħra ta' min hu l-bniedem, u allura tajjeb li nifhmu kif nistgħu nużaw it-teknoloġija b'mod li nsiru dejjem aktar bnedmin ta' għotja. Nawguralkom Milied hieni mgħix f'dan l-ispirtu ta' ġenerożità.

Dun Matthew Pulis

Djaknu

## DIMOSTRAZZJONI TA' ĠESÙ BAMBIN

### Tnejn 24 ta' Diċembru 2018

Din is-sena d-Dimostrazzjoni bil-Bambin se ssir fiż-zona taż-Żonqor.
Din tibda fis-5:45pm minn Triq il-Blajjiet.

Fis-7:00pm nidħlu l-knisja Parrokkjali Sant'Anna fejn ikollna programm ta' kant u poeżiji tal-Milied.

Il-Purċissjoni se tgħaddi minn:
Triq Għaxqet l-Għajn, Triq ir-Rand,
Triq is-Salvja, Triq in-Nagħniegħ,
Triq il-Kosbor, Triq il-Ħabaq,
Triq Hurds Bank, Triq l-Artillieri,
Triq taż-Żonqor u Triq Ta' Monita.

Jittellgħu bosta rigali u tingħata tifkira lil dawk kollha li jattendu.



Il-Kappillan u s-Saċerdoti flimkien mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-Kummissjonijiet u l-gruppi jixtiequ jawguraw

**il-Milied it-Tajjeb**

lill-Iskalin kollha u jawguraw li l-kuntentizza tal-Mulej Ġesù tgħix fil-qlub tal-familji kollha tagħna.

| | | |
|---|---|---|
| **2** | **Il-Ħadd** | **L-1 Ħadd tal-Avvent. Fl-10:15am Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha.**<br>Fit-3:00pm *Afternoon tea* fis-Sala Sant'Anna sal-5:00pm. |
| 3 | It-Tnejn | Fis-6:30pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| 4 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq il-Munxar.** |
| 6 | Il-Ħamis | Fid-9.30am Coffee Morning fis-Sala Sant'Anna. |
| 6-9 | | Bazaar tal-Parroċċa fl-okkażjoni tal-festa tal-Milied fis-Sala Sant'Anna. |
| 7 | Il-Ġimgħa | **L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.** Fis-6:00pm quddiesa u wara adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. |
| 8 | Is-Sibt | **It-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija.** |
| **9** | **Il-Ħadd** | **It-2 Ħadd tal-Avvent.** Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija. |
| 11 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq is-Sibbien.** |
| 12 | L-Erbgħa | Fis-7:30pm Kunċert tal-Milied fil-Knisja Parrokkjali. |
| 13 | Il-Ħamis | Fis-7:30am tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna għall-Ħarġa għall-Għawdex u nżuru l-Presepju ta' Għajnsielem. Inkunu lura mal-vapur tas-6:00pm. |
| 14 | Il-Ġimgħa | Fit-7:45pm tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna għall-Ikla tal-Milied fil-Bella Vista Hotel, il-Qawra organizzata mill-parroċċa. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-sagristija. |
| 15 | Is-Sibt | **Tibda n-Novena tal-Bambin.** Fis-6:30pm quddiesa tan-novena animata mill-Kummissjoni Familja. |
| **16** | **Il-Ħadd** | **It-3 Ħadd tal-Avvent.**<br>Fid-9.15am Quddiesa u Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal san-12.30pm.<br>Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-Għaqda Mużikali Sant'Anna Wied il-Għajn u mill-Gruppi tal-Armar u tan-Nar. |
| 17 | It-Tnejn | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-Grupp Santa Marta u mill-Voluntiera tal-Parroċċa. |
| 18 | It-Tlieta | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-Kummissjoni Djakonija.<br>Bejn is-7:00pm u d-9:00pm Ċelebrazzjoni tal-Avvent: lejla ta' riflessjoni f'ambjent sabiħ ta' talb.<br>Ikun hemm is-servizz tas-Sagrament tal-Qrar. |
| 19 | L-Erbgħa | Fid-9:30am *Party* mill-Mother and Baby Club fis-Sala Sant'Anna. Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata miċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar. |
| 20 | Il-Ħamis | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mis-Soċjetà tal-Museum. |
| 21 | Il-Ġimgħa | Fil-5:30pm *Party* għat-tfal taċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar fis-Sala Sant'Anna.<br>Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-Fratelli tal-Parroċċa. |
| 22 | Is-Sibt | Fis-6:30pm quddiesa tan-novena animata mill-Grupp tal-Kappella tal-Adorazzjoni. |
| **23** | **Il-Ħadd** | **Ir-4 Ħadd tal-Avvent.** Fil-Quddiesa tad-9:15am ser ikun hemm it-tberik tal-Bambini u l-Presepji.<br>Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-Kummissjoni Liturġija. |
| **24** | **It-Tnejn** | **Lejliet il-Milied. Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:00pm u 8:00pm.**<br>**Fis-7:00pm Dħul tal-Purċissjoni tal-Bambin fil-Knisja Parrokkjali.**<br>**Fl-11:00pm Velja tal-Milied u f'12:00am il-Quddiesa tal-Milied.** |
| **25** | **It-Tlieta** | **It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.**<br>**Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:30am, 8:00am, 9:15am, 11:30am u fis-6:00pm.**<br>**Fil-11:00am ikun hemm quddiesa bl-ingliż fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju.** |
| 27 | Il-Ħamis | **Kwaranturi.** Ħin ta' Adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija fil-Knisja Parrokkjali mit-8:15am sa 12:00pm u mill-4:00pm sas-6:00pm. |
| 28 | Il-Ġimgħa | **Kwaranturi.** Ħin ta' Adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija fil-Knisja Parrokkjali mit-8:15am sa 12:00pm u mill-4:00pm sas-6:00pm. |
| 30 | Il-Ħadd | **Il-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi.** |
| 31 | It-Tnejn | **Kwaranturi.** Ħin ta' Adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija fil-Knisja Parrokkjali mit-8:15am sa 12:00pm u mill-4:00pm sas-6.00pm.<br>Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:00pm u fit-8:00pm li fiha jitkanta Te Deum.<br>Fid-9:15pm inkomplu naqsmu dan il-ferħ flimkien fin-*New Year's Eve Party* fis-Sala Sant'Anna.<br>Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali. |
| **1** | **Jannar** | **Is-Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi.**<br>Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:30am, 8:00am, 9:15am, 11:30am u fis-6:00pm.<br>Fil-11:00am ikun hemm quddiesa bl-Ingliż fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju. |

**— Is-Sena t-Tajba lil kulħadd. —**